

Brussell, 13 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15719/17

WTO 313

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	It-tieni konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħdax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-tieni konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħdax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Diċembru 2017.

It-tieni konklużjonijiet tal-Kunsill**dwar il-Ħdax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**

1. L-UE tibqa' impenjata li tippreserva u ssaħħaħ is-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli li fiha d-WTO għandha post ċentrali. Għal dan il-għan, l-UE għamlet sforz qawwi fil-perjodu ta' qabel il-Konferenza biex tikkontribwixxi biex isir progress fir-rigward ta' kwistjonijiet ewlenin bl-objettiv li d-WTO tkun tista' tkompli tiżviluppa u taqdi r-rwol li għandha fil-kummerċ globali fis-seklu 21. Il-Kunsill jiddispjaċih li ma kienx possibbli li jinkiseb pakkett ambizzjuż, madankollu realistiku u bbilanċjat, għall-11-il Konferenza Ministerjali tad-WTO.
2. Fid-dawl tal-isfidi li qed tiffaċċa bħalissa d-WTO, il-Kunsill jilqa' l-appoġġ favur il-multilateraliżmu u r-rwol ċentrali tad-WTO espress fid-Dikjarazzjoni ta' Buenos Aires li saret fiċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-11-il Konferenza Ministerjali tad-WTO, kif ukoll fid-Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta li saret mill-44 membru fil-fażi ta' żvilupp jew żviluppati fil-11 ta' Diċembru 2017. L-UE ser tkompli tesplora kif tista' ssaħħaħ lid-WTO, inkluż fil-funzjonijiet tagħha ta' negozjar, monitoraġġ u deliberazzjoni, kif ukoll it-tħaddim effettiv tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim. F'dan ir-rigward, il-Kunsill hu tal-fehma li l-postijiet battala fil-Korp tal-Appell għandhom jimtlew mingħajr dewmien.
3. Il-Kunsill jemmen li għandha titkompla l-ħidma fuq kwistjonijiet ta' interess għall-membri tad-WTO. L-UE ressqet proposti biex jinkisbu riżultati raġonevoli u bbilanċjati fil-Konferenza Ministerjali b'rabta mal-appoġġ nazzjonali għall-agrikoltura u l-ħażna ta' stokkijiet pubbliċi għal finijiet ta' sigurtà tal-ikel. L-UE kienet ukoll qed tmexxi sforzi lejn eżitu sostantiv tajjeb b'rabta mas-sussidji fil-qasam tas-sajd u r-regolamentazzjoni nazzjonali tas-servizzi, u jiddispjaċiha li ma kienx possibbli li jsir progress b'rabta ma' dawn il-kwistjonijiet. F'dan il-kuntest, il-Kunsill japprova d-Deċiżjonijiet Ministerjali ppreżentati lill-Konferenza.

4. Il-Kunsill jibqa' wkoll impenjat bis-sħiħ biex fl-ambitu tad-WTO jsir progress b'rabta ma' kwistjonijiet oħrajn, bħall-kummerċ elettroniku u l-SMEs, li huma fundamentali għall-kummerċ globali. Il-Kunsill jilqa' d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ Elettroniku, li l-UE appoġġat attivament. Il-Kunsill jilqa' wkoll id-Dikjarazzjonijiet Ministerjali Konġunti dwar l-istabbiliment ta' programm ta' ħidma informali tad-WTO għall-MSMEs (intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju), dwar il-faċilitazzjoni tal-investment għall-iżvilupp, u dwar ir-regolamentazzjoni nazzjonali tas-servizzi. L-UE ser tkompli tippromwovi aktar ħidma fid-WTO dwar il-faċilitazzjoni tal-investment, kif ukoll il-kummerċ u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, l-MSMEs, ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fis-settur agrikolu u s-sussidji orizzontali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill approva l-abbozz ta' Dikjarazzjoni Ministerjali.
-